**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Kump 696 /2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs.**

**Michael Pace**

**Daniel Pace**

**Adrian Tonna**

Illum 29 ta' Ottubru 2020

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonjiet dedotti kontra l-imputati

Michael Pace ta' 31 sena iben Joseph u Agatha xebba Sammut, imwieled Pieta' nhar il-15 ta' Novembru 1983, residenti 102, Triq il- Wied, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita numru 574073(M).

Daniel Pace ta' 23 sena iben Joseph u Agatha xebba Sammut, imwieled Pieta' nhar l-20 ta' Gunju 1992, residenti 102, Triq il- Wied, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita numru 310992(M).

Adrian Tonna ta' 23 sena iben Jesmond u Maria Dolores xebba Micallef, imwieled Pieta' nhar is- 27 ta' Frar 1992, residenti 34, Redentur Triq Laqxija Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita numru 132692(M).

U nakkuzhom talli, nhar it-18 ta' Awwissu 2015, ghall- habta ta' 11:30 pm gewwa Hal- Balzan u f'dawn il- Gzejjer;

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghedu il-hajja ta' Lineker David Micalleff periklu car, ikkagunaw lill istess Lineker Micallef hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi.
2. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbew kontra Lineker David Micallef, sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex, fkaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Lineker David Micallef u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biża' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat ai termini ta' l-Artiklu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputati ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tennew li ma kienux hatja ta' l-imputazzjonijiet

migjuba kontra taghhom.[1]Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.[3]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-5 ta' Ottubru 2017 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jinstabu hatja u cioe[4]:

a. Fl-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta datata s-16 ta' Mejju 2016, din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputati separatament jekk kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputati zmien xieraq biex iwiegbu ghal din

[1] Folio 27-29 ta' l-atti processwali
[2] Folio 397-399 ta' l-atti processwali
[3] Folio 401 ta' l-atti processwali
[4] Folio 327-328 ta' l-atti processwali

il-mistoqsija, wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u il-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' dawn it-twegibiet fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar id-9 ta' Ottubru 2020;

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-24 ta' Frar 2020;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat Michael Pace li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tad-29 ta' Lulju 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar it-18 ta' Awissu 2015 meta l-imputati marru issibu lil vittma David Lineker u tawh xeba waqt li mar jiftah il-

bieb ta' barra tad-dar tieghu. Bhala konsegwenza tax-xeba u wara li gie ezaminat gie ikkonstatat li kien qed issofri minn griehi gravi.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tad-9 ta'Settembru 2015 xehed **PS 950 Alan Buhagiar**[5], stazzjonat fl-Ghassa tan-Naxxar. Huwa spjega li fit-18 t'Awwissu 2015, ghall-habta ta' 11:45pm marret l-ghassa certu Emanuela Micallef u rrappurtat li binha kienu tawh xebgha wara li mar jiftah il-bieb ta' barra. In segwitu ta' dan ir-rapport, ix-xhud flimkien ma PC 202 irrikorrew fuq il-post, St. Mary, Flat 3, Triq it-Tabib Zammit, Birkirkara fejn hemm gew innutati xi dmija fuq il-bankina u meta mitkellem Lineker Micallef stqarr li huwa kien id-dar flimkien mat-tfajla tieghu certu Ellie Briffa meta ghall-habta tal-11:30pm daqq il-bieb u meta mar jiftah sab lil Michael Pace, lil huh Daniel Pace u lill-gharus tan-neputija taghhom certu Adrian Tonna u stqarr li ghal ebda raguni, aggredewh. Ix-xhud spjega li l-partijiet ikkoncernati ghandhom diversi kazijiet pendenti fil-Qorti bejniethom. Dak il-hin, Lineker Micallef ittiehed mill-Pulizija stess gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Mosta peressss li kellu griehi vizibbli fejn kien anke' gie riferut l-Isptar ghal aktar testijiet. Ix-xhud spjega li l-ghada, cioe' id-19

[5] Folio 57-64 ta' l-atti processwali

t'Awwissu 2015 ghall-habta tas-1pm huwa kkuntattja lill-imputati fejn wara dawn irrikorrew gewwa l-Ghassa u taw l-istqarrija taghhom mal-Ispettur Luke Bonello. Ix-xhud iccara li hekk kif wasal fuq il-post, kien car li Lineker Micallef kien gie aggredit minhabba li kellu zewg *black eyes* u anke' daqqiet f'rasu. Ix-xhud spjega li kien konxju li l-imputati kollha sostnew li dakinhar tal-incident bejn l-10:15pm u l-11:00pm cemplu diversi drabi kemm l-Ghassa kif ukoll id-Depot sabiex jirrapurtaw li raw lil Lineker Micallef u lill-Ellie Briffa barra dak il-hin peress li dawn kellhom ordni ta' rinkazar fil-konfront taghhom, u allura baqghu jistennew fi Triq it-Tabib Zammit dak il-hin kollu. Qalu ukoll li ghall-habta tal-11:15pm tfacca Lineker Micallef minn Triq Papa Piju XII, ipparkja l-vettura tal-ghamla Kia flimkien ma Ellie Briffa u kien proprju dak il-hin illi gew fl-idejn. Stqarrew ukoll li ma Lineker kien hemm persuna ohra maskili pero' dan telaq jigri minn fuq il-post. In kontro-ezami ix-xhud stqarr li attwalment ir-rapport li kien dahal originarjament kien li kien hemm "certu Lineker qed ihuf hdejn certu karozzi gewwa Naxxar Road, Birkirkara", fejn huwa rrikorra fuq il-post u ma ra lil hadd, madankollu stqarr li ma vverifikax jekk Micallef kienx filfatt gewwa r-residenza tieghu fl-akkwata.

Fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2015 xehdet **Emanuela Davis Micallef**[6]. Hija kkonfermat li Lineker Micallef huwa t-tifel taghha. Skont hi l-incident in kwistjoni sehh fix-xahar ta' qabel, cioe' Awwissu 2015 u kien ghall-habta tal-11pm meta hija ghamlet rapport mal-Pulizija. Dakinhar hija kienet ghamlet ikla ghall-zewgt ihbieb Skoccizi li kienu qieghdin

[6] Folio 117-132 ta' l-atti processwali

btala Malta u ghall-habta tal-5pm kien mar ghandha t-tifel Lineker Micallef u hija qaltlu biex jibqa' ghall-ikel izda huwa qalilha le u telaq. Wara li spiccat l-ikla u telqu l-Iskoccizi, hija marret tixri pakkett sigarretti minn hanut vicin fejn hemm iltaqghat ma certu Amy Micallef u tfajla ohra li hija l-gharusa tal-imputat Daniel Pace. Amy Micllef kienet tidher inkwetata u bdiet izzomm wiccha b'idejha u qalet "dawk il-lejla gralhom xi haga". Ix-xhud tenniet li f'dak il-hin ma kienitx taf x'gara mit-tifel Lineker Micallef. Eventwalment it-tifla z-zghira taghha Caress Micallef qaltilha li ohtha l-ohra Delilah Micallef kient cemplet tghid li Lineker Micallef kien inqatel u saru jafu dan ghax Ellie Briffa, l-gharusa ta' Lineker Micallef, kienet cemplet lill-Delilah Micallef. Dan gara wara li Lineker Micallef allegatament gie aggredit u qala' xebgha kbira minghand l-imputati Daniel Pace, Michael Pace u Adrian Tonna. Wara dan ix-xhud marret tigri lejn id-dar ta' Lineker Micallef fejn sabitu kwazi mitluf minn sensieh u mimli dmija. Ix-xhud marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Eventwalment Lineker Micallef ittiehed l-ewwel fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u imbaghad l-Isptar fejn ghamel sal-ghada filghodu qabel ma llicenzja lilu nnifsu. Ix-xhud spjegat kif hija u diehla fid-dar ta' Lineker Micallef rat ghadd ta' taqtir tad-demm fuq l-ghatba u meta rat lil binha, dan kellu qasma kbira fuq ghajnejh u kien kwazi stordut. Waqt li kien l-Isptar, ohtu Delilah Micallef haditlu ghadd ta' ritratti li juru l-estent tal-griehi li sofra. In kontro-ezami ix-xhud stqarret illi hija kienet pjanat li wara li jitilqu l-Iskoccizi tmur ghand Lineker Micallef sabiex tehodlu xi ikel li kien fadal minn tal-ikla. Gara li damu jitkellmu mal-Iskoccizi u allura baqghat ma marritx. Ikkonfermat li l-imputat Michael Pace ghandu tifel mat-tifla taghha Delilah Micallef u lil Daniel Pace tafu ghax jigi huh. Lil Adrian Tonna ma kienitx tafu qabel dan l-incident.

**Il-*parte civile* Lineker David Micallef**[7] xehed ukoll fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2015. Huwa spjega li l-incident in kwistjoni sehh lejn l-ahhar t'Awwissu 2015 meta kienet qed tigi ccelebrata l-festa gewwa Birkirkara. Huwa kien qieghed id-dar flimkien mat-tfajla tieghu Ellie Briffa. Il-genituri tieghu kellhom barbeque fuq il-bejt u kien miftiehem m'ommu li ghall-habta tal-10pm kellha tghaddilu b'xi ikel. Gara li daqqet il-qanpiena u huwa nizel biex jiftah il-bieb. Hemm sab lil Michael Pace jew huh Daniel Pace u f'daqqa wahda marru t-tnejn l-ohra jaghtuh b'xi affarijiet. Il-*parte civile* seta' jaghraf lit-tlett imputati fl-awla u stqarr li hu jahseb li l-kawza tal-inkwiet kienet minhabba li Michael Pace kellu relazzjoni ma ohtu Delilah Micallef li issa kienet sfaxxat. Kien hemm ukoll episodji fejn Michael Pace kien sawwat lill-eks-siehba tieghu fil-passat. Skont il-*parte civile*, l-imputati marru ghandu bil-hsieb li jhebbu ghalih u fil-fatt kif fetah il-bieb bdew jidghulu u wiehed minnhom kien pront laghblu daqqa b'oggett iebes fuq wiccu tant li wara rrizulta li kissirlu zewg sinniet, madankollu ma setax jikkonferma ezatt x'kellhom f'idejhom. Stqarr ukoll li hassu hazin mad-daqqa li qala' fuq rasu. In rigward tar-ritratti ezebiti, il-parte civile stqarr illi dawn ittiehdu minn persuna wahda li hija t-tfajla tieghu Ellie Briffa u juru lilu bil-griehi kif ukoll id-dmija li kien hemm hdejn il-bieb ta' barra tal-appartamenti. Huwa kkonferma li l-indirizz tieghu huwa St Mary, Flat 3, Triq it-Tabib Zammit, Birkirkara, fejn l-appartament li jghix fih huwa dak fir-raba' sular. Skont il-*parte civile*, l-assalt tant kien qawwi li dak il-hin bhal hassu hazin u kien biss wara li nizlet Ellie Briffa tara xi gralu li huwa beda jigi lura f'sensih u beda

[7] Folio 66-89 u Folios 206-208 ta' l-atti processwali

jghidilha li ma ghandu xejn ghalkemm ma kienx ghadu gie f'tieghu mija fil-mija, tant li meta qam minn mal-art, qasam lejn in-naha l-hazina tat-triq. Wara dan tela' fl-appartament u lahlah wiccu u imbaghad waslu l-Pulizija fuq il-lok, inkluz "is-Surgent Alan" fejn haduh l-Isptar permezz tal-karozza. Stqarr li l-isptar ghamlulu xi *X-Rays* u *butterfly stitches* izda ma jiftakarx wisq ghax raqad. Hareg mill-isptar l-ghada filghodu u stqarr li ghadu qed isofri mill-effetti tal-griehi, fosthom bocca li baqghat ma nizlitx u zewg snien imkissra. In kontro-ezami, il-*parte civile* stqarr li l-incident gara ghall-habta tad-9:30pm. Ikkonferma li l-appartament tieghu ghandu veranda li taghti ghal fuq it-triq kif ukoll li d-dar t'ommu mhijiex parti mill-istess blokk imma fi triq ohra. Fil-hin li sehh l-incident huwa kien qed jitma lill-kelba fuq il-bejt u kien qed jistenna li minn hin ghall-iehor tghaddi ommu b'xi ikel u allura kif daqqet il-qanpiena tal-bieb, haseb li kienet ommu. Huwa rega kkonferma illi kien qieghed id-dar u kien akkumpanjat mit-tfajla Ellie Briffa li toqghod hemmekk ukoll u nnega li hu jew Ellie Briffa kellhom incidenti precendenti fejn huma heddu jew iggieldu ma whud mill-imputati.Il-*parte civile* gie riprodott fis-seduta tat-22 ta' Frar 2016 fejn huwa ezebixxa t-telefon cellulari tieghu sabiex jigi ezaminat mill-espert nominat mill-Qorti Dr Steven Farrugia Sacco.

**Ellie Briffa**[8] xehdet ukoll fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2015. Hija spjegat illi dakinhar tal-incident hija kienet id-dar flimkien ma Lineker Micallef. Id-dar ossija appartament qieghed Birkirkara vicin il-*petrol station* ta'

[8] Folios 91-116 u Folios 151- 154 ta' l-atti processwali

Falzon. Iz-zmien kien qabel il-festa ta' Santa Liena. Ghall-habta tad-9:30pm daqqet il-qanpiena tal-bieb u Lineker Micallef nizel jiftah. Ix-xhud qalet li wara ftit hija ttawlet mill-veranda u rat lill-imputati jsawwtu lil Micallef. Hija nizlet tigri isfel u hekk kif waslet sabet lil Micallef miksi dmija u kwazi mitluf minn sensieh. Ix-xhud ghenitu jitla' fl-appartament u wara ftit waslu l-Pulizija fuq il-lok u Lineker Micallef ittiehed fic-Centru tas-Sahha. Ix-xhud stqarret illi hija rat lill-imputati fuq il-post qed isawwtu lis-sieheb taghha u filfatt l-imputat Michael Pace hareg il-*mobile phone* u qalilha li ser jigbdilha filmat li qieghda barra. Ix-xhud iccarat li hekk kif nizlet fl-intrata tal-appartamenti, hija rat lill-Micallef b'rasu mal-art fuq il-bankina vicin tal-bieb tal-komun u wiehed mill-imputati, Adrian Tonna, beda jtieh bis-sieq f'wiccu. Ftit wara l-imputat Michael Pace qal lill-ohrajn "halluh issa" imbaghad giet karozza tal-marka Toyota Vitz ta' lewn blu bin-numru ta' registrazzjoni EBD-605 telghu u telqu minn fuq il-post. Ix-xhud iddeskriviet kif l-ghatba tal-bieb tal-komun kienet miksija demm. Wara l-inkontru, Lineker Micallef kien bhal qisu konfuz u skont ix-xhud beda jhawwad fid-diskors. Hija ghenitu jitla' fl-appartament u hekk kif haslitlu wiccu kien car li kellu griehi serji f'wiccu inkluz snien maqlugha u *black eye*. Ix-xhud ikkonfermat illi hija gibdet ritratti tal-ghatba tal-komun tal-appartamenti filwaqt li dawk li ttiehdu l-Isptar ittiehdu minn Delilah Micallef, oht is-sieheb taghha. Hija ma kienitx prezenti l-Isptar hekk kif iddahhal wara l-incident. In kontro-ezami hija stqarret li ma tafx min huma n-nies l-ohrajn li possibiliment jghixu fl-istess korp t'appartamenti maghhom. Skont, hi meta ttawlet mill-veranda kien ghaddej persuna barrani izda dan ma baqax hemm. Hija nnegat illi dakinhar fid-9:30pm hija u Lineker Micallef ma kienux id-dar taghhom u qablet li ghandhom ordni ta' rinkazar sat-8pm jew 9pm li kienet mahruga

mill-Qorti u qejjem qaghdu attenti li jobduha. Hija kkonfermat illi gieli kien hemm argumenti precedenti mal-imputati Pace u Tonna principalment minhabba li l-imputat Michael Pace kellu relazzjoni ma oht Lineker Micallef li sfaxxat u kkonfermat li la hi u lanqas Lineker Micallef ma qatt offendew jew heddu lilll-imputati. Kien hemm episodju fejn dawn kienu cemplulhom bil-*private number* u bdew jheddu lil Lineker Micallef li ser jaghtuh xebgha fil-festa ta' Santa Liena. Fis-seduta tat-28 t'Ottubru 2015 ix-xhud giet riprodotta fejn b'referenza ghal ghadd ta' ritratti ezebiti fil-process, hija kkonfermat li dawn gew migbuda minnha ezatt wara l-inident in kwistjoni.

Fis-seduta tat-28 t'Ottubru 2015 xehdet **Delilah Micallef**[9]. Hija spjegat li l-*parte civile* Lineker Micallef jigi huha filwaqt li l-imput Michael Pace huwa missier it-tifel taghha, Daniel Pace huwa hu Michael Pace u Adrian Tonna huwa l-gharus tan-neputija ta' Michael Pace. Dakinhar tal-incident ghall-habta tal-10:15pm hija rceviet telefonata minghand Ellie Briffa, it-tfajla ta' huha fejn din bdiet tghajjat u tibki u tghid li Michael Pace, Daniel Pace u Adrian Tonna qatlu lil Lineker Micallef. Wara dan ix-xhud marret tigri lejn id-dar sabiex tghid lil missierha b'li gara u wara baqghet sejra lejn id-dar ta' huha fejn sabithu mitluf minn sensih u jhawwad fid-diskors. Fuq il-lok marru l-Pulizija u huha gie mehud l-Isptar. Ix-xhud ikkonfermat illi hija hadet xi ritratti tal-griehi li sofra huha waqt li kienu l-Isptar. Mill-banda l-ohra hija ccarat li r-ritratti li ttiehdu barra u gewwa d-dar ta' Lineker Micallef ittiehdu minn Ellie Briffa. In kontro-ezami iccarat illi hija ma kienitx prezenti ghall-incident. Stqarret li r-ritratti li r-

[9] Folio 138-149 u Folio 170-173 ta' l-atti processwali

ritratti hadithom permezz ta' kamera digitali li ghandha *memory card* izda din mhijiex irregolata sabiex tindika l-hin fuq ir-ritratti. Ikkonfermat li r-ritratti hadithom dakinhar tal-incident stess waqt li kienu l-Isptar. Fis-seduta tas-13 ta' Jannar 2016 ix-xhud giet riprodotta fejn hija pprezentat il-*memory card* li kienet tikkontjeni r-ritratti.

Fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2015 xehed **l-Ispettur Luke Bonello**[10], stazzjonat fl-Ghassa ta' Birkirkara fejn huwa spjega li nhar id-19 t' Awwissu 2015 gie nfurmat dwar feriti ta' natura gravi li kien sofra Certu Lineker David Micallef li kienu allegatament sofferti nhar it-18 t'Awwissu 2015 filghaxija. Ix-xhud spjega li huwa kien gie infurmat minn PS 950 Alan Buhagiar. L-allegazzjoni kienet li Micallef kien gie aggredit mill-imputati Michael Pace, huh Daniel Pace u Adrian Tonna li huwa gharaf prezenti fl-awla. Ikkonferma ukoll li fid-19 t'Awwissu 2015, l-imputati gew arrestati u mitkellma dwar dan il-kaz fejn wara s-soliti twissijiet, it-tlett imputati taw stqarrija. It-tlett imputati irrifjutaw id-dritt ghall-assistenza legali qabel ma taw l-istqarrija.

Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016 xehed **Stephen Cachia**[11], ufficjal tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Huwa kkonferma li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBD-605 hija tal-marka Opel Astra u hija registrata fuq Emanuela Busuttil (KI 805559M) u din il-vettura ilha hekk irregistrata mit-18 ta' Mejju 2009.

[10] Folios 158-160 ta' l-atti processwali
[11] Folio 165-166 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016 xehed ukoll **Marco Micallef**[12], missier il-*parte civile* Lineker Micallef, fejn spjega li fit-18 ta'Awwissu 2015, hu flimkien ma martu Emanuela Micallef kienu organizzaw ikla fuq il-bejt ghal koppja Skocciza li kienu Malta. Ghall-habta tat-8pm ghadda hdejhom Lineker Micallef izda dan ma setax joqghod minhabba li ried ikun id-dar sad-9pm u ommu qaltlu li wara kienet ser tghaddilu b'xi ikel. Ix-xhud spjega li huma baqghu jiehdu xi *drinks* mal-Iskoccizi sakemm dawn telqu ghall-habta tal-10:30pm, fejn ix-xhud wassalhom Bugibba fejn kienu qed joqghodu. Martu baqghat hdejn id-dar. Hekk kif irritorna d-dar, ix-xhud tela' fuq il-bejt u beda jizbarazza u wara ftit lemah lit-tifla l-kbira tieghu Delilah Micallef li mit-triq bdiet tghid li Michael u Daniel Pace u Adrian Tonna kienu ghamlu ghal Linker Micallef, li dak il-hin kien diga' qieghed ic-centru tas-sahha tal-Mosta minhabba l-griehi kbar li garrab. Minnufih, ix-xhud mar il-Mosta fejn sab lit-tifel barra c-centru tas-sahha flimkien mas-Surgent u kellu wiccu mbengel u b'hafna dmija, tant li kellu jittiehed l-Isptar ghal aktar testijiet fejn baqa' sal-ghada filghodu. In kontro-ezami, ix-xhud stqarr li waqt li hu kien l-isptar kienu biss hu u l-mara, cioe' Emanuela Micallef bil-possibilita' li f'xi hin minnhom ghaddiet ukoll Ellie Briffa, it-tfajla tat-tifel. Ix-xhud ikkonferma li l-ghada filghodu Lineker Micallef iffirma biex jitlaq mill-Isptar u kien hu li wasslu lura d-dar.

Fis-seduta tat-22 ta' Frar 2016 xehdet ukoll **WPC 11 Zenia Azzopardi**[13], stazzjonata l-Ghassa ta' Birkirkara. Hija stqarret li fit-18 t'Awwissu 2015 ghall-habta ta' 11:45pm hija kienet xoghol gewwa l-Ghassa bhala *telephone*

[12] Folio 175-184 ta' l-atti processwali
[13] Folio 218-220 ta' l-atti processwali

*orderly*. Dak il-hin irrikorriet l-Ghassa certu Emanuela Micallef tirrapporta li t-tifel taghha gie aggredit minn persuni bl-isem ta' Daniel Pace, Michael Pace u Adrian Tonna. Ix-xhud dak il-hin informat lil PS 950 Alan Buhagiar fejn dan kellu jirrikorri fuq il-post. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li f'dak il-lejl kienet diga' rceviet telefonati ohrajn dwar Lineker Micallef u kienet infurmat lis-Surgent Buhagiar bihom imma dan kien qed ilahhaq mad-distrett kollu dakinhar u kien maqbud fuq bicca xoghol Bahar ic-Caghaq. Dawn it-telefonati kienu fis-sens li Lineker Micallef kien qed iddur madwar xi karozzi biex allegatament jipprova jisraq minnhom.

Fis-seduta tat-22 ta' Frar 2016 xehdet it-**Tabiba Dr Fabrizia Azzopardi**[14], tahdem fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Ix-xhud ikkonfermat bil-gurament taghha id-dokument ezebit a Fol. 22 li huwa certifikat redatt minnha fid-19 t'Awwissu 2019 fis-1:25am li jikkoncerna griehi sofferti minn Lineker David Micallef li kellu diversi griehi f'wiccu li gew iccertifikati bhala gravi. Kien hemm bzonn ukoll li Micallef jintbaghat l-Isptar Mater Dei sabiex isiru aktar testijiet fosthom *scan* tar-ras.

Fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2016 xehed **it-Tabib Forensiku Dr Mario Scerri**[15] fejn huwa kkonferma li gie nkarigat mill-Qorti sabiex jezamina lil Lineker Micallef, fejn huwa ghamet tali ezami nhar id-29 ta' Marzu 2016. Ix-xhud spjega li Micallef allega li kien qala' daqqiet permezz ta' kannen tal-hadid kif ukoll ponn tal-hadid. Ix-xhud ezamina r-rizultati tas-*CT scans* fejn irrizulta li kellu frattura tal-*orbital wall* tal-ghajn ix-xellugija, frattura taz-*zygomatic bone* u frattura tan-*nasal bone* u spjega li dawn huwa

[14] Folio 209-211 ta' l-atti processwali

[15] Folio 218-220 ta' l-atti processwali

griehi gravi per durata li jdumu iktar minn tletin gurnata biex ifieqSomu. Minbarra dawn il-griehi,  hemm prezenti ukoll cikatrici fuq in-naha tax-xellug tal-mohh kompatibbli ma lacerazzjoni subita minn *blunt trauma* li tidher sew minn distanza vicina. Hemm prezenti ukoll *chipping* f'zewgt isnien li jidhru li ukoll huma rizultat ta' *blunt trauma*.

Fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2017 xehed **Dr Steven Farrugia Sacco**[16], fejn huwa kkonferma illi fl-24 ta' Frar 2016 huwa gie nkarigat mill-Qorti sabiex jaghmel profil tat-telefonati hekk kif specifikat a Fol. 69 u kiseb informazzjoni minghand il-kumpanniji tat-telekomunikazzjoni fejn irrizulta li Melita plc biss kellha xi informazzjoni izda din ma tmurx lura saz-zmien relevanti u cioe' l-10 t'Awwissu 2015.

Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019 xehed **l-imputat Michael Pace**[17] fejn spjega li lil Lineker Micallef kien ilu jafu madwar sbatax-il sena minħabba li huwa ħu t-tfajla li kellu u li magħha għandu tifel. L-inkwiet beda meta huwa ħassar minn magħha u Lineker Micallef beda jindaħal. Għal bidu kienu kemm ma jitkellmux imma ma kienx hemm inċidenzi ta' vjolenza. Madnakollu kien dejjem jizzika fil-fomm ma' omm u oħt l-imputat. Ġara li kien inqala' inċident bejn Lineker Micallef u oħt l-imputat u bintha fejn Micallef ta daqqa ta' ponn lin-neputija tal-imputat u kiser subgħajn oħtu. Hekk kif mar l-Għassa jagħmel rapport sab lil Micallef hemm u ġew fl-idejn u  hemmekk l-affarijiet marru għall-agħar u kien hemm diversi rapporti dwar inċidenti li ġraw, tant li l-imputat u l-familja tiegħu spiċċaw isofru minn paranojja kbira minħabba x'jista' jasal jagħmel Lineker

[16] Folio 295-296 ta' l-atti processwali
[17] Folio 376-381 ta' l-atti processwali

Micallef. In rigward tal-inċident in eżami, l-imputat spjega li tlett ijiem kien irċieva telefonata mingħand Micallef fejn dan qallu "fil-marċ tal-Għama jien se nkun b'*revolver* u nwaħħel moħħ ħuk mal-ħajt". Fuq dan il-kliem huwa għamel rapport. Dakinhar tal-inċident huwa kien flimkien ma ħuħ u l-għarus tat-tifla t'oħtu għall- festa ta' Santa Liena u hekk kif waslu ħdejn l-HSBC ta' Birkirkara, għall-ħabta tal-10:15pm lemħu lil Lineker Micallef flimkien ma Ellie Briffa ġewwa karozza tal-għamla Kia bin-numru ta' reġistrazzjoni JBU-113. Dak il-ħin huwa ċempel lill-Pulizija sabiex jirrapporta li Micallef kien barra bi ksur ta' ordni ta' rinkażar. Kellem lil WPC 11 mill-Għassa ta' Birkirkara u qalilha li huwa kien ser imur ħdejn id-dar ta' Micallef ħdejn il-*petrol station* ta' Falzon biex jassigura li l-Pulizija veru jagħmlu xogħolhom. Madwar siegħa u kwart wara Lineker Micallef u Ellie Briffa rritornaw u l-Pulizija kienu baqgħu ma waslux. L-imputat spjega li hu kien bilqiegħda fuq għatba ta' bieb ħdejn id-dar ta' Micallef filwaqt li t-tnejn l-oħra kienu qed ipejjpu fil-karozza. Hekk kif lemħu, Micallef mar biex iħebb għalih u resaqlu iżda tfixkel fil-bankina u ħabat ma bieb ta' garaxx. Hekk kif qam, imbotta lil Micallef bil-konsegwenza li dan tal-aħħar ħabat ma' karozza pparkjata. Fil-pront niżlu l-imputati l-oħra Daniel Pace u Adrian Tonna sabiex jassistu. Huwa kkonferma li kull ma jaf hu huwa li mbotta lil Micallef u li dan ħabat ma' karozza iżda ma jafx eżatt x'għamlu t-tnjen l-oħra. Eskluda li kien sawwat lil Micallef permezz ta' ħadida. L-imputat spjega li l-inċident kien ta' dak il-ħin għax li kieku kellu pjan li jmur jagħti xebgħa lil Micallef żgur ma kienx ser iċempel lill-Pulizija xi għaxar darbiet qabel biex jinżlu fuq il-post u rrikonoxxa li għamel ħażin li mar qagħad eżatt ħdejn il-bieb ta' Micallef. Spjega li x-xewqa tiegħu kienet li jeħles minn Micallef *"pulit pulit ħalli familti jkunu mistrieħa"*. In kontro-eżami, l-

imputat stqarr li dakinhar tal-inċident huwa kien fuq il-post bil-karozza t'ommu li hija Toyota IST bin-numru ta' reġistrazzjoni EBL-605 u kien ipparkjat madwar kantuniera mid-dar ta' Micallef. Mistoqsi għalfejn qagħad bilqiegħda fuq għatba ħdejn il-bieb ta' Micallef huwa spjega li ħareġ mill-karozza minħabba li Daniel Pace u Adrian Tonna bdew ipejjpu fil-karozza u huwa jdejquh is-sigarretti. In ri-eżami reġa' kkonferma li l-intenzjoni tiegħu għalfejn irrikorra fuq il-post kienet li jivverifika li l-Pulizija jagħmlu xogħolhom.

Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 xehed **l-Ispettur Elton Taliana**, stazzjonat fl-Għassa ta' Birkirkara fejn huwa ezebixxa ghadd ta' rapporti li kienu saru mill-imputati fil-konfront ta' Liniker Micallef, hekk kif mitlub mid-difiza.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrijiet ta' l-imputati**

Illi l-istqarrija[18] ta' l-imputat Michael Pace ittiehdet l-ghada ta' l-incident, u cioe nhar id-19 ta' Awissu 2015 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Luke Bonello u fil-prezenza ta' PC 592 Nathan Portelli wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha

[18] Dok LB7 u Dok LN8, Folios 10-13 ta' l-atti processwali

tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

L-imputat Michael Pace ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija u ghazel li iwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni[19] u jidhol f'certu dettal dwar l-incident, kif ukoll li ma jichadx l-involviment tieghu u anzi jispjega ghalfejn ippartecipa fir-reat.

Illi l-istqarrija[20] ta' l-imputat Daniel Pace ittiehdet l-ghada ta' l-incident, u cioe nhar id-19 ta' Awissu 2015 ewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Luke Bonello u fil-prezenza ta' PC 950 Alan Buhagiar  wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

L-imputat Daniel Pace ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija u ghazel li iwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni[21] u jidhol f'certu dettal dwar l-incident, kif ukoll bhal huh Michael Pace, l-imputat l-iehor, ma jichadx l-involviment tieghu u anzi jispjega ghalfejn ippartecipa fir-reat.

Illi l-istqarrija[22] ta' l-imputat Adrian Tonna ittiehdet l-ghada ta' l-incident, u cioe nhar id-19 ta' Awissu 2015 ewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Luke Bonello u fil-prezenza ta' PC 950 Alan Buhagiar  wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha

[19] Dok LB 13, Folio 20 ta' l-atti processwali
[20] Dok LB9 Folios 14-15 ta' l-atti processwali
[21] Dok LB 11, Folio 18 ta' l-atti processwali
[22] Dok LB10 Folios 16-17 ta' l-atti processwali

tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma′ avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

L-imputat Adrian Tonna ghazel li jiffirma kull pagna ta′ l-istqarrija u ghazel li iwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni[23] u jidhol f′certu dettal dwar l-incident kif ukoll ma jichadx l-involviment tieghu u anzi jispjega ghalfejn ippartecipa fir-reat.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l-istqarrijiet li ġew rilaxxati mill-imputati humiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġew rilaxxati l-istqarrijiet tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputati rrilaxxaw l-istqarrijiet tagħhom, huma kienu ingħataw id-dritt li jikkonsultaw mal-avukat tal-għażla tagħhom, liema dritt infatti huma ghazlu li ma juzawx. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukati tagħhom matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss

[23] Dok LB 12, Folio 19 ta′ l-atti processwali

permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[24] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputati ġew interrogati.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[25] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

[24] Fit-28 ta' Novembru 2016
[25] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l- interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l- possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l- interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[26] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta′ l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti 1-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[27] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel

[26] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

[27] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[28] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi dan l-insenjament gie ikkonfermat ukoll fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[29] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun*

[28] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018
[29] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[30]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[31]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[32] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-*

[30] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[31] Folio 14 tas-sentenza
[32] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

*interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentatata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[33]

Illi din is-sentenza gie ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[34]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[35] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali[36] netta (jew minima fil-kaz ta' Tonna) tal-imputati, u tinsab konvinta li l-imputati ma kienux konxji jew imdorrija ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Ghalhekk iktar u iktar, il-Qorti ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet

[33] Folio 25 tas-sentenza
[34] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[35] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16
[36] Dok LB 4,5,6, Folios 7-9 ta' l-atti processwali

validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijiiet u ma tqishomx bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputati u l-parte civile kienu jafu lill xulxin in vista ta' diversi relazzjonijiet li kien hemm bejn il-familji taghhom. Jirrizulta wkoll li kien hemm ukoll *bad blood* bejniethom u kellhom incidenti ohra fil-passat bejniethojm.

Il-vittma ikkonferma fix-xhieda tieghu li kien jafhom wiehed wiehed u li l-avveniment grat meta kien hemm il-festa Birkirkara. Kien qieghed id-dar tieghu mat-tfajla tieghu Ellie Briffa *"cemplet il-qanpiena u kont qed naghlef il-kelba dak il-hin fuq il-bejt, inzilt niftah il-bieb u nsib dak il-hin la naf lil Michael, ma hiniex cert ghax insejt, la naf lil Michael u lanqas lil Daniel imbaghad gew tnejn ohra jaghtuni bl-affarijiet."*[37]

[37] Folio 68-69 ta' l-atti processwali

Il-vittma jispjega li laqtghulu u kissrulu zewg sinniet u f'dak il-mument qala' daqqa b'xi haga iebsa f' rasu. Ma kienx fi stat li jiftakar f'iktar dettal minhabba li intilef minn sensieh.[38] Madankollu t-tfajla tieghu li kienet prezenti ghall-incident identifikat b'mod car lit-tlett imputati bhala n-nies li kienu qed issawtu lill-gharus taghha.

*"…. Sa kemm ittawwalt fil-veranda nara lil dawk it-tlieta jaghtu lil Lineker… u narahom jaghtuh u nzilt isfel jien u kif inzilt isfel, nara lil Liniker kollu demm mitluf minn sensieh li tant kif rajtu impressjonajt ruhi, kollu demm u lanqas jgharafni ma beda…"*[39]

Ix-xhud ikkjarifikat ukoll li meta rathom jaghtu lill-vittma kienet qeghda fuq izda nizlet isfel u sahansitra l-imputat Michael Pace kien anke indirizzaha.

*"Jiena isfel ghax inzilt isfel u wiehed minnhom Michael hareg mobile u qalli 'hekk qed nohodlok video li qieghda barra', hekk qalli."*[40]

Tkompli tispjega meta mistoqsija jekk it-tlett imputati kienux vicin jew il-boghod mill-vittma u jekk lahqithomx qieghdin jaghtuh:

*"Qed jaghtuh, qed jaghtuh wiehed minnhom beda jaghtih bis-sieq go wiccu……mela dazgur li lhaqthom….it tlieta li huma imma ma nafx x'kellhom f'idejhom dak il-hin.."*[41]

---

[38] Folio 73 ta' l-atti processwali
[39] Folio 93 ta' l-atti processwali
[40] Folio 93 ta' l-atti processwali
[41] Folio 94 u 95 ta' l-atti processwali

Meta gie mitluba tivverifika lil min tiftakar jaghti bis-sieq stqarret:

*"Lil Adrian u qabez Michael u Michael qallu hallieh issa qallu lil Adrian...imbaghad giet karozza blu Toyota Vitz bin-number plate EBD 605 u giet ghalihom u telqu."*[42]

Din il-karozza giet sussegwentement identifikata li hija registrata fuq Emanuela Busuttil.[43]

L-identifikazzjoni ta' l-imputati giet ukoll ikkoroborata mix-xhieda ta' Delilah Micallef li tigi oht il-vittma u Emanuela Davis Micallef li tigi om mil-vittma. Meta gara l-incident Ellie Briffa cemplet lill Delilah Micallef u Delilah cemplet lill ommha u qaltilha x'gara:

*"qaltli tawh xebgha tlieta, qaltli Daniel, Michael u Adrian insomma, mort nigri d-dar ta' Liniker jien insomma u nsib lil Liniker kwazi mitluf minn sensieh, demm kullimkien mimli demm insomma u tlaqt nigri l-ghassa jien…"*[44]

Fix-xhieda ta' Delilah Micallef jirrizulta li Ellie Briffa cemplitilha u

*"qaltli gew Michael, Adrian u Daniel u qaltli tawh xebgha u qatluh."*[45]

[42] Folio 95 ta' l-atti processwali
[43] Dok SC1, Folio 167-169 ta' l-atti processwali
[44] Folio 120 ta' l-atti processwali
[45] Folio 139 ta' l-atti processwali

Ix-xhud hadet sensiela ta' ritratti ftit wara li gara l-incident gewwa l-isptar Mater Dei, kif ukoll fuq l-ghatba tal-bieb tad-dar.[46]

Il-vittma esebixxa sensiela ta' ritratti li ttiehdu dak in-nhar ta' l-incident mit-tfajla tieghu Ellie Briffa u ohtu.[47]

Missier il-vittma, Marco Micallef, jikkonferma li erbgha min-nies attakaw lil ibnu skond kif qaltlu bintu Delilah Micallef.

*"…qaltli ghamlu ghal Liniker…qatluh, ghidilha x'inhi jiena, qaltli tghidx kemm tawh, jien ghidilha min, qaltli Adrian, Michael u Daniel pero kienu erbgha ghax kien hemm xufier li beda jsuq il-karozza."*[48]

Bhala konsegwenza ta' l-incident, il-vittma iddeskriva kif xhar wara l-incident kien ghad ghandu *"bocca"* li kienet ghada ma nizlitlux u li kellu sinna imkissra u ohra milquta.

Il-prosekuzzjoni esebit certifikat mediku mahrug mill-isptar Mater Dei li ggib id-data tad-19 ta' Awissu 2015 li jikkonstata l-griehi tal-vittma bhala gravi.[49] Ix-xhud PS950 Alan Buhagiar ikkonferma li d-daqqiet li qala l-vittma kienu vizibbli ma l-ewwel u *"kellu black eye…..kellu xi daqqiet f'rasu."*[50] It-tabiba Dr. Fabrizia Azzopardi fix-xhieda taghha kkonfermat li l-vittma kien soffra minn griehi gravi.[51]

[46] Dok DM1-1 Folio 150 ta' l-atti processwali
[47] Dok LM1-6 Folio 90 ta' l-atti processwali
[48] Folio 177 ta' l-atti processwali
[49] Dok LB14 -LB15, Folio 21 u 22 ta' l-atti processwali
[50] Folio 59 ta' l-atti processwali
[51] Folio 211 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2016, id-difiza ezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq ix-xhieda ta' Dr. Kuteyi biex jikkonferma c-certifikat mediku ezebit fl-atti stante li d-difiza mhux qed tikkontesta il-fatti msemmija fic-certifikat ghalkemm tikkontesta r-responsabbilita'.[52]

It-tabib Mario Scerri li kien sussegwentement ezaminah iktar minn seba xhur wara l-incident, u cioe fid-29 ta' Marzu 2016 fejn ikkonferma li l-vittma soffra frattura ta' *l-orbital wall* ta' l-ghajn ix-xellugija, frattura taz-zigoma u frattura tan-*nasal bone*.[53]

It-tabib jikkonferma a bazi tar-rapport tieghu, li dawn huma lezjonijiet gravi per durata li jdumu iktar minn tletin gurnata biex ifiequ u konsegwentement ghal dan ghadu jilmenta b'ugiegh fejn kellu l-fratturi u fi mniehru. Barra dan ghandu cikatrici fuq in-naha tax-xellug ta' l-mohh kompatibbli ma lacerazzjoni subita minn blunt trauma li tidher sew minn *talking distance*. Irrizulta wkoll li l-vittma ghandu *chipping* ta' zewgt isnien *incisors* ta' quddiem u *chipping* tal-*lateral inscisor* tan-naha ta' fuq li ghadhom iccipjati u jidhru.[54]

Fis-seduta ta'nhar it-23 ta' Jannar 2019, l-imputat Michael Pace ghazel li jaghti x-xhieda tieghu b'mod volontarju.

---

[52] Folio 238 ta' l-atti processwali
[53] Folio 219 ta' l-atti processwali
[54] Dok MS1, Folio 221-236 ta' l-atti processwali

Fix-xhieda tieghu jenfassiza fuq dak kollu li ghamel il-vittma lill-familja tieghu, kif ukoll kif skond hu, il-vittma kien jindahal bejnu u l-ek siehba tieghu li tigi oht il-vittma. L-imputat jaghmel referenza wkoll ghal diversi incidenti fosthom ukoll li kienu jinvolvi ohtu u t-tifla ta' ohtu li skond hu, fi kliemu wasslu ghal *'vendikazzjonijiet'* [55]bejniethom.

L-imputat Pace jispjega wkoll li kien ilu jaghmel rapporti kontra l-vittma, imma skond hu ma ttiehdux il-passi li xtaq hu.

L-imputat esebixxa wkoll ritratti, *phone logs,* u *screen shots* mehudin minn sit socjali dwar allegat incidenti li kien gara bejniethom[56] u affarijiet ohra li ghaddew bejniethom kemm qabel u kemm wara l-incident. [57] Illi filwaqt li dawn kollha gew esebiti sabiex jiriflettu l-frustrazzjoni ta' l-imputati, kif ukoll jikkonfermaw li, jekk xejn, l-imputat Michael Pace kellu animosita' ghall-vittma, m'ghandhomx x'jaqsmu mal-incident.

L-incident mertu ta' din il-kawza sar fit-18 ta' Awissu 2015. L-incident li qed issemmi l-imputat ta' l-allegat karozza (Dok MP1) sar skond l-imputat *"fis-sajf li ghadda."*[58] Stante li l-imputat xhed nhar it-23 ta' Jannar 2019, *"is-sajf li ghadda"* allura ifisser li dan l-allegat incident sehh zgur wara r-reat.

---

[55] Folio 377 ta' l-atti processwali
[56] Dok MP1, Folio 382-383 ta' l-atti processwali
[57] Dok MP2 – MP7, Folios 384-395
[58] Folio 377 ta' l-atti processwali

Meta wiwhed jara l-kumplament tad-dokument esebiti, Dok MP3 iggib d-data tat-22 ta' Ottubru 2018, filwaqt li minn Dok MP4-MP6 ma ggibux data, ghalkemm hemm referenzi li dawn saru wara l-incidenti.

Id-difiza esebit ukoll sensiela tar-rapporti li saru mill-imputati fil-konfront tal-vittma.[59] Illi dawn ir-rapport iggibu id-dati tas-snin 2012 (sitta minnhom), 2013 (tnejn minnhom) u Novembru 2015.

Dawn id-dokumenti, m'ghandhomx relevanza ghal-mertu tal-kaz u jekk ir-reat sarx jew le mill-imputati u ghaldaqstant din il-Qorti m'hix ser tqishom fid-deliberazzjoni taghha dwar jekk l-imputati ghandhomx jinsabu hatja jew le talli wettqu r-reati dedotti kontrihom a bazi ta' dawn id-dokumenti.

Matul ix-xhieda tieghu l-imputat ikompli sabiex jghid dak kollu li kellu xi jghid kontra l-karattru u l-imgieba tal-vittma u jirrakonta incidenti l jitfghu lill-vittma f'dehra negattiva. Frankament, dan huwa wkoll irrelevanti u l-ebda minn dawn l-istanzi li semma l-imputat ma saru dak in-nhar jew dak il-hin ta' l-incident jew kellhom konessjoni diretta mar-reat li sehh.

Jaghmel referenza wkoll ghal-telefonata li l-vittma allegatament ghamillu tlett ijiem qabel fejn qallu *"Fil-marc tal-Ghami jien se nkun b'revolver u nwahhel mohh huk mal-hajt."*[60] Madankollu, l-imputat ma ressaqx din il-provi li kien ircieva din it-telefonata minn ghand il-vittma. L-imputat

[59] Dok ET1-ET9, Folios 417-452 ta' l-atti processwali
[60] Folio 378 ta' l-atti processwali

jaghmel referenza ghal sensiela ta' telefonati lill-pulizija li saru minnu li jispjegaw ghal xiex wasal l-incident ta' dak in-nhar. F'dawn ir-rigward l-imputat esebixxa Dok MP7 li ggib id-data tat-18 ta' Awissu 2015 u juri telefonati li saru mill-imputat Michael Pace.

L-imputat spjega li biex jaccerta ruhu li l-pulizija qed jaghmlu xogholhom mar *"hdejn il-bieb tieghu"*[61] , u cioe tal-vittma u jispjega:

*"F'hin ta' siegha u kwart ma gie hadd u rritorna Liniker. Kien hemm jien qieghed barra ghax dawk it-tnejn ipejpu u jien ma npejjipx. Kienu fil-karozza qed ipejpu. Kien is-sajf. Intfajt fuq ghatba ta' magenb id-dar tieghu. Fil-hin flok gew il-pulizija, stennejt li jigu l-pulizija rega gie lura hu. Rani. Hasibni li qieghed wahdi – kwazi konna gejna fl-idejn. X'hin gie biex jattakkani ersaqt lura tfixkilt fil-bankina u hbatt dahri mal-garaxx. Kif rajt hekk jien kont qomt naf li nmbuttajtu u rajtu jahbat ma' karozza u fil-pront jinzlu Daniel u Adrian biex jiddefendu lili…… Jien naf li nmbuttajtu u habat wiccu mal-karozza izda l-ohrajn imbaghad ma nafx x'gara ezatt. Jien bdejt nikkaverja lili nnifsi. Din l-istorja li nista' nghid. Gejna fl-idejn."*[62]

Minkejja li l-imputat jistqarr li l-hin ta' l-incident sar madwar is-siegha u kwart ta' filghodu, skond ir-rapport tal-pulizija dan sar ghal habta tal-hdax u nofs.[63] Ix-xhieda l-ohra li xehdu lkoll jaghtu hin ferm iktar qabel minn dak li jghid l-imputat.

[61] Folio 380 ta' l-atti processwali
[62] Folio 379 ta' l-atti processwali
[63] Dok LB16, Folio 23 ta' l-atti processwali

L-imputat ma jinneggax l-involviment tieghu u immur oltre billi jikkonferma li l-ko-imputat l-ohra, cioe Daniel Pace u Adrian Tonna. Jikkonferma wkoll li dak in-nhar ta' l-incident kienu bil-karozza t'ommu li ghandha numru tar-registrazzjoni EBL 605.

Minkejja li l-imputat Michael Pace jghid kien il-vittma li l-ewwel gie ghalih, li habbat dahru mal-hajt u li gew fl-idejn ma jirrizultax minn imkien li sofra xi griehi ta' kwalunkwe natura.  L-imputat ukoll imkien ma jghidx li l-vittma hebb jew attakka lil xi hadd mit-tlett imputati.

Finalment, l-imputat jghid *"li ghamilt kollox ghax kien bizgha ghax kieku ghamilt bi pjan anqas kont incempel lill-pulizija. Kont naghmel fattija u mhux incempel ghaxar darbiet lill-pulizija qabel li gara."*[64]

Din il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi, b'mod partikolari mix-xhieda tax-xhud Ellie Briffa, jirrizulta li t-tliet imputati lkoll ippartecipaw attivament fl-attakk li wassal ghall-griehi li sofra l-vittma. Ghalhekk, din il-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta.

A skans ta' ripetizzjoni, ghall-istess ragunijiet, m'hemmx dubju wkoll li t-tieni imputazzjoni tirrizulta wkoll.

Illi mill-assjem tal-provi kollha prodotti u wara li qiset dak kollu li ressqu l-prosekuzzjoni u d-difiza, il-Qorti tara li dan il-kaz gie ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi u ghaldaqstant il-Qorti sejra tghaddi sabiex issib lill-

[64] Folio 379 ta' l-atti processwali

imputati kollha hatja taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrihom, b'dan illi l-ewwel imputazzjoni huma hatja a tenur ta' l-artikolu 216 (u mhux l-artikolu 218) tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi d-difiza ta' l-imputati fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2019 talbet sabiex issir *social inquiry report* skont l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.[65]

Illi mir-rapporti esebiti[66] jirrizulta li fil-kaz ta' l-imputati Michael Pace, Daniel Pace u Adrian Tonna kollha mexjin hajja stabbli u produttiva mal-familji rispettivi taghhom u ma gewx innotati aspetti partikolari li jqanqlu thassib.

Illi fl-udjenza tat-23 ta' Lulju 2020 il-Qorti giet informata mill-parte civile illi qed jirrinunzja ghall-kwerela li huwa gia ghamel u ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli stante li qed jahfer lill-imputati.

Illi din ir-rinunzja saret wara li l-istess vittma kien xehed fil-proceduri u ghandu jigi relevat li l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputati huma prosegwibbli mill-pulizija *ex officio.*

---

[65] Folio 401 ta' l-atti processwali

[66] Folio 465-466, 189-505, 508-535 ta' l-atti processwali

Inoltre l-artikolu 543 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:

*Il-Pulizija tista' tagixxi ukoll, minghajr il-kwerela privata, f'kull wahda mill-kazijiet li gejjin:*

*[…]*

*(a) Fil-kaz ta' delitti li ghalihom il-ligi ma tiddisponix espressament li hija mehtiega l-kwerela privata;*

*(d) fil-kaz ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunita' in generali;*

Il-Qorti semghet il-prosekuzzjoni wkoll itenni fis-sottomissjonijiet finali li din il-kawza ma timmeritax piena karcerarja.

Illi certament din il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni ghall-fatt li l-vittma ghazel li jahfer lill-imputati u irrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli. Madankollu il-mahfra tal-vittma ma jfissirx li l-imputati ghandhom jigu ezonerati mir-reati li bihom gew akkuzati jew li m'ghandhomx jerfghu r-responsabbilita legali ta' l-agir taghhom. Naturalment, din il-Qorti ser tikkunsidra d-dikjarazzjoni maghmula mill-parte civile Micallef ghall-finijiet ta' attenwant, izda certament mhux ghal-liberazzjoni. L-agir tal-imputati ghandu jitqies bhala riskju ghas-socjeta' li jghixu fiha u qatt m'ghandu jinftiehem li mahfra tal-vittma twassal ghal xi amnestija *ex post facto* l-ghemil kriminuz serju tal-imputati.

Il-Qorti tara li l-glieda li wasslet ghall-griehi in kwistjoni kienet wahda mibnija fuq kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet, kwazi kwazi b'kapricc u

minghajr ebda mottiv partikolari jew serju. Dan qed jinghad peress li minkejja li Michael Pace, bil-gurament, jaghmel diversi allegazzjonijiet dwar il-'mottiv' tal-agir tieghu, huwa jonqos milli jressaq prova wahda in sostenn ta' dawk l-allegazzjonijiet – u f'kull kaz, il-verosimilita' tax-xhieda tieghu, fid-dawl tal-bqija tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, hija, fl-ahjar ipotesi, dubjuza.

Il-fatt li wiehed mill-imputati ghandu tifel mill-istess familja tal-vittma kellu, jekk xejn, iservi bhala raguni aktar biex tkun imrazzna l-imgieba li wasslet ghall-incident – mhux bil-kontra. L-agir tal-imputati li nasbu persuna quddiem ir-residenza tieghu, tawh xeba li hallietu b'feriti gravi huwa inskuzabbli u inaccetabbli.

Mir-rakkont li ta l-imputat Pace, jekk xejn, il-Qorti tqis li l-imputati qatt ma tghallmu mill-passat - anzi, uzaw l-istess passat bhala l-mottiv ghall-agir taghhom fil-futur.

Inoltre, il-Qorti m'hi xejn konvinta mit-tezi tad-difiza li l-vittma gab ix-xebgha b'idejh. Bhal donnu qed jinghad li kien hemm provokazzjoni sal-punt li l-agir tal-imputati ghandu jitqies skuzabbli. Ghall-kuntrarju, pero', jirrizulta b'mod car li dak in-nhar ta' l-incident lanqas kien hemm ebda forma ta' kuntatt mal-vittma. Il-Qorti hija konvinta li l-incident kien wiehed premeditat u mahsub bil-quddiem mill-imputati, u li, fil-mument li raw lil Lineker Micallef, fl-ebda istanza ma regghu lura mid-decizjoni taghhom.

Min-naha l-ohra il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll li l-imputati ghandhom fedina penali kwazi netta.

Finalment, dwar il-piena, din il-Qorti tissottolinea li l-imputazzjonijiet imorru lura ghas-sena 2015 u dak iz-zmien, qabel l-introduzzjoni tal-Att XIII tal-2018, il-piena ghar-reat taht l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali kienet dik ta' bejn tliet (3) xhur sa tliet (3) snin. Fid-dawl ta' dan, l-imputati ghandhom jibbenefikaw minn din il-piena ta' qabel l-emendi introdotti fl-2018.

**Decide**

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 218, 339(1)(d), 382A, 383, 384, 385, 386 412C, 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-Michael Pace, Daniel Pace u Adrian Tonna hatja ta' l-ewwel imputazzjoni a tenur ta' l-artikolu 216 izda mhux ta' l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u hatja tat-tieni imputazzjoni u tikkundannahom, lil kull wiehed minnhom, perjodu ta' **tmintax (18) il-xhar prigunerija**, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien tlett snin (3) millum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilita' taghom taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huma jikkommettu, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-hatja a favur ta' Lineker David Micallef ghal perjodu ta' hames (5) snin bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghall-protezzjoni tal-vittma u dan billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-hatja milli javvicinaw, jikkuntattjaw, jimmolestaw jew b'xi mod isegwu l-movimenti tal-vittma.

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-hatja ukoll biex fi zmien sena jhallsu terz kull wiehed tas-somma kumplessiva ta' €816.93 rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti[67].

**Moghtija illum nhar id-29 ta' Ottubru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

[67] Dok MS1 (€237.31) u Dok SFS1 (€579.62)

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**